TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 159/11

**John Mercieca**

**vs**

**Medcomms Ltd.**

Illum 31 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 t'April, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u ħamsa u tmenin ewro (€185), rappreżentanti l-ispiża tar-radju jew li jiftħulu r-radju u jdaħħlulu n-numru allokat lilu.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara radju u għandu bżonn numru speċjali li jkun tiegħu, applika għalih ma' l-MCA u tawh in-numru, pero' dan in-numru kellu jidħol fir-radju, liema numru ma setax jidħol għax ma kienx hemm is-*software*. Wara li ġie s-*software*, talbuh ħamsin ewro (€50) sabiex ikun jista' jdaħħal in-numru fir-radju, liema ħamsin ewro (€50) l-intimat m'aċċettax li jħallas.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata kienet għadha ma ssottomettietx risposta bil-miktub għal din it-talba.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), kif ukoll jiġi introdott il-code tal-MCA li ngħata lir-rikorrenti fir-radju li xtara mingħand l-istess soċjeta' intimata, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**